MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 245/1999/1

**Joseph E. Gauci, Godwin Grech, John sive Ivan Gravina**
**u Claude Calleja**

**vs**

**Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp**
**u Silvio Camilleri**

**Il-Qorti,**

**<u>I – PRELIMINARI</u>**

1. Fil-15 ta' Jannar 1998 il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp ("il-Kummissjoni") ikkoncediet permess ta' l-Izvilupp lil Silvio Camilleri "to erect 2 appartments at 1st floor level" f'sit fi Triq it-Torri Gauci, Naxxar.

2. Fid-9 ta' Frar 1998 Joseph E Gauci, Godwin Grech, John sive Ivan Gravina u Claude Calleja ("l-appellanti") ipprezentaw appell quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar L-Ippjanar ("il-Bord") minn din id-decizjoni tal-Kummissjoni u dan ghar-ragunijiet spjegati minnhom fl-appell taghhom.

3. Fil-mori ta' l-appell quddiem il-Bord, il-Kummissjoni eccepiet preliminarjament in-nullita` ta' l-appell ghax (1) l-appellanti kienu erbgha u mhux kull wiehed minnhom hallas id-dritt ta' appell ta' tmenin lira Maltin (Lm80) u (2) ghax l-appellanti ma kellhomx interess guridiku biex jintavolaw l-appell.

4. Dawn il-kwistjonijiet gew dibattuti mill-kontendenti quddiem il-Bord b'sottomissjonijiet orali u bil-miktub u l-ewwel kwistjoni fuq imsemmija giet deciza mill-Bord, b'decizjoni tat-28 ta' Settembru 1999. Il-Bord ikkonkluda hekk:
"Illi l-Bord ghandu quddiem zewg eccezzjonijiet ta' nullita` sollevati mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp: l-ewwel wahda, li tinqasam fi tnejn, tikkoncerna l-validita` ta' l-appell u cioe` li ma sarx il-hlas tad-dritt ta' l-appell mill-appellanti kollha u li appell konguntiv mhux permess; it-tieni li l-appellanti m'ghandhomx interess guridiku biex jintavolaw l-appell;

Dwar l-ewwel eccezzjoni, dan il-Bord diga` kellu l-opportunita` li jhassar appell kumulattiv fid-decizjoni tieghu fl-ismijiet *Sliema Residents Association and Interested Neighbours kontra l-Awtorita` ta' l-Ippjanar* (appell numru 274/94 KA deciz fit-30 ta' Gunju 1995). Ghalkemm kien sar appell minn din id-decizjoni tal-Bord quddiem il-Qorti ta' l-Appell, l-appellant kien, din is-sena stess ceda l-appell. Konness ma' dan il-punt hemm l-iehor tal-hlas tad-dritt ta' l-appell. Fid-decizjoni ta' *Anthony Borg et nomine kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp* (appell numru 102/94KA deciz fit-18

ta’ April 1997) il-Bord kien laqa’ l-eccezzjoni ta’ l-Awtorita` li ladarba appell konguntiv mhux permess, kull appellant kellu jappella separatament u jhallas id-dritt ta’ l-appell rikjest mill-Avviz Legali 7 ta’ l-1993. A skans ta’ ripetizzjoni l-Bord jaghmel tieghu z-zewg decizjonijiet hawn fuq citati, qed jilqaghhom u qed jannulla l-appell. Stante li l-appell qed jigi dikjarat null u bla effett, il-Bord mhux se jippronunzja ruhu dwar it-tieni eccezzjoni ta’ l-Awtorita`;

Ghal dawn il-motivi, il-Bord jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dan l-appell.

Il-Bord jinnota li ghall-fini tal-prova ta’ l-interess, kull appellant ikun irid juri li ghandu interess guridiku.”

**<u>I – L-APPELL</u>**

5. L-appellanti intavolaw appell minn din id-decizjoni tal-Bord quddiem din il-Qorti fit-12 ta’ Ottubru 1999. Ghar-ragunijiet li spjegaw huma talbu li dina l-Qorti joghgobha tilqa’ l-appell, tirrevoka d-decizjoni appellata u konsegwentement tirrinvija l-atti quddiem il-Bord sabiex ikompli bis-smiegh ta’ l-appell numru PAB 103/98.

6. Dana l-appell gie kontestat mill-kontroparti li allegat li d-decizjoni appellata kienet gusta u timmerita konferma u ghalhekk talbet li l-appell jigi michud – u dan ghar-ragunijiet spjegati fir-risposta.

7. L-appellat Silvio Camilleri, debitament notifikat, naqas li jissottometti risposta ta’ l-appell.

**<u>III – KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI</u>**

8. Ghandu jigi relevat li l-appellat Silvio Camilleri mhux biss naqas li jipprezenta risposta ta’ l-appell, izda naqas li jidher quddiem din il-Qorti, nonostante li kien gie debitament notifikat bl-ewwel appuntament tas-smiegh tal-kawza. Huwa naqas li jidher f’kull seduta sussegwenti:

9. Fit-8 ta’ Novembru 2002 l-appellanti pprezentaw nota li taqra hekk:

“Illi biha u filwaqt illi jaghmlu riferenza ghas-sottomissjonijiet imressqa minnhom sew fil-proceduri quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar u sew fir-rikors promutorju ghall-appell odjern, jitolbu li jaghmlu riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-8 ta’ Gunju 2001, fil-kawza fl-ismijiet “Joseph u Benedict Zarb vs l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar”, fejn gew trattati u decizi l-istess aggravji sollevati fl-appell odjern u fejn l-istess Onorabbli Qorti kienet tat ragun lill-appellanti f’dik l-istanza, u cioe` illi:

“...*din il-Qorti ma ssib xejn proceduralment skorrett li jsir appell wiehed miz-zewg appellanti u fil-fehma konsiderata tal-Qorti, kien dovut, f’dan il-kaz partikolari, dritt wiehed ta’ appell*.”

Ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti umilment jirritjenu illi l-appell odjern ghandu jigi milqugh ghall-istess ragunijiet spjegati fis-sentenza hawn fuq citata.”

10. Fl-14 ta’ Mejju 2003 il-Kummissjoni irrispondiet hekk:-

“Li permezz taghha, hija taghmel referenza ghad-decizjoni li ghaliha saret referenza mill-appellanti u cioe` Joseph u Benedict Zarb vs. l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar (Appell nru. 343/99) deciz fit-8 ta’ Gunju 2001.

Illi l-Kummissjoni appellata, filwaqt li taderixxi ma’ dak deciz fis-sentenza fuq imsemmija, tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti fl-appell odjern, u f’kaz ta’ ezitu favorevoli ghall-appellant, l-atti ta’ l-istess appell ghandhom jergghu jintbaghtu quddiem il-Bord ta’ l-Appelli biex dan jkompli jisma’ l-appell u jiddeciedi t-tieni eccezzjoni imqajma mill-Kummissjoni appellata quddiem l-istess Bord, u cioe` dik li l-appellanti jridu juru l-interess guridiku taghhom.

Illi din in-nota qeghda ssir limitatament ghan-nom u l-interess tal-Kummissjoni appellata, u minghajr pregudizzju ghall-appellat l-iehor Silvio Camilleri.

Bl-intizi li l-Kummissjoni appellata m'ghandhiex issofri l-ispejjez ta' dan l-appell, hlief l-ispejjez taghha."

11. Il-partijiet imsemmija qablu li dak li din il-Qorti ddecidiet fis-sentenza taghha tat-8 ta' Gunju 2001 fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Zarb et vs l-Awtorita ta' l-Ippjanar" ghandu valur u hu applikabbli ghac-cirkostanzi ta' l-odjerna kawza. Ghalhekk, a skans ta' ripetizzjonijiet inutuli, il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess sentenza taghha u ghall-motivi fiha kontenuti jidhrilha li l-appell odjern jimmerita li jintlaqa'.

12. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka d-decizjoni appellata tal-Bord u tirrinvija l-atti lura lill-istess Bord biex ikompli jisma l-kaz skond il-ligi.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------